MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2285/2000/1

**Jeanette Abela f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha minuri Jean Claude Abela.**

**vs.**

**Kevin Abela.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datat 11 ta' Ottubru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, l-attrici Jeanette Abela hija mizzewga lill-konvenut u minn dan iz-zwieg hemm tifel minuri li jismu Jean Claude Abela li ghandu sitt snin;

Illi, dan iz-zwieg tkisser irrevokabilment u l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta'

April 1999 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone li qed jigi anness bhala Dok. “A”;

Illi, skond dan il-kuntratt ta’ separazzjoni **(klawsola – d)** il-konvenut obbligat ihallas manteniment lil martu ghaliha u ghal ibnu minuri jekk u meta hu jibda jahdem;

Illi, ufficjal tad-dipartiment tas-servizzi socjali nforma lill-attrici li l-konvenut qed jahdem u dan huma kkonkludewh mill-fatt li l-istess konvenut mhux qed jirregistra. Minhabba f’hekk l-istess dipartiment hedded lill-attrici li kien ser iwaqqfilha s-servizz socjali li huwa l-uniku mezz ta’ ghajxien ghaliha u ghall-minuri;

Illi fil-fatt il-konvenut qed jahdem fil-lokal *“Pink Fried Tomatoes”* – Cafetria – Snack Bar – Cannon Road, St. Venera;

Illi, b’ittra datata 2 ta’ Awissu 2000 li qed tigi annessa bhala Dok. “B” l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex fi zmien hmistax jersaq ghall-ftehim dwar il-manteniment li ghandu jkun dovut minnu u dan in forza tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 8 ta’ April 1999 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone. Skond l-istess kuntratt dan il-manteniment ghall-mara u t-tifel ghandu jsir bi ftehim bejn il-partijiet u fin-nuqqas ghandu jigi stabbilit mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili. Dan il-manteniment ghandu wkoll ikun retrospettiv ghad-data li fiha l-konvenut ikun beda jahdem. Dan il-manteniment ghandu jigi kalkulat skond il-bzonnijiet tal-mara u t-tifel u skond il-mezzi tal-konvenut;

Illi, il-konvenut naqas li jersaq fi zmien hmistax sabiex isir qbil dwar dan il-manteniment anzi minflok baghat ittra permezz tal-legali tieghu, annessa bhala Dok. “C” u datata 28 ta’ Awissu 2000 li permezz taghha hu ma cahadx il-fatt li qieghed jahdem pero’ wera li ma riedx jilhaq ftehim. Ghalhekk kellhom jinbdew dawn il-proceduri;

Illi, skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni l-konvenut obbliga ruhhu li jassumi d-debitu kollu tal-Bank of Valletta plc – dan l-obbligu l-konvenut ghadu ma wettqux tant li l-

attrici ghadha marbuta mal-istess Bank b'ipoteka generali u b'garanzija personali;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut qed jahdem;

2. Tiddeciedi ghall-skopijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni mill-liema data l-istess konvenut ghandu jigi meqjus li beda jahdem;

3. Tiffissa r-retta alimentari fil-gimgha u tordna u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici kull gimgha ghaliha u ghal binha din ir-retta hekk fissata;

4. Tordna li din ir-retta ghandha tghola kull sentejn skond l-gholi tal-hajja mid-data retrospettiva hekk iffissata;

5. Tillikwida l-ammont retrospettiv ta' alimenti li l-konvenut ghandu jigi kundannat u ordnat ihallas lill-attrici *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni;

6. Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dak l-ammont likwidat fil-hames talba;

7. Tordna u tikkundanna lill-konvenut jaghmel dawk il-prattici li jkunu necesasarji biex l-attrici tigi mehlusa mid-debitu dovut mill-konvenut lill-Bank of Valletta plc. u biex l-istess attrici tigi mehlusa mill-garanziji u ipoteki favur l-istess Bank;

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra datata 02 ta' Awissu 2000 u bl-interessi skond il-ligi fuq kull somma dovuta retrospettvament ghall-alimenti tal-hlas definitiv ta' l-istess somma.

Il-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 12 tal-process;

Rat il-verbal datat 14 ta’ Gunju 2001.

Rat ir-rikors ta’ Jeanette Abela datat 29 ta’ Awissu 2001, a fol. 20, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna n-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet datat 31 ta’ Awissu 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Settembru 2001, fejn deher Dr. Ray Zammit ghall-attrici u ta ruhhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Jannar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 25 ta’ Marzu 2002, fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem l-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D ghall-11 ta’ Gunju, 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-14 ta’ Marzu 2002 a fol 30 tal-process fejn ecceppixxa li:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici proprio et nomine peress

(a) kwantu ghat-talbiet numru 1 sa 6, l-eccipjenti ma kienx u mhuwiex qiegehd jippercepixxi qliegh, ma jiddisponiex mill-mezzi finananzjarji sabiex ihallas manteniment lill-attrici *proprio et nomine* u ghalhekk skond il-klawsola (d) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tat-8 ta’ April 1999 li sar bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone (li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok. “KA1”) l-eccipjenti ma jhallas l-imsemmi manteniment f’dawn ic-cirkostanzi u l-kawza odjerna hija intempestiva;

2. Illi, kwantu ghat-talba numru 7, aktar minn tlett (3) xhur qabel li giet istitwita din il-kawza u cjoe’ fil-5 ta’ Lulju

2000, l-eccipjenti, skond ir-raba' paragrafu tal-klawsola (b) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, diga' assuma d-debitu kollu tal-Bank of Valletta plc u l-attrici giet mehlusa mill-garanziji u ipoteki favur l-istess Bank permezz tal-kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela (li vera kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok. "KA 2");

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 31 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti mall-istess nota tal-eccezzjonijiet minn fol. 32 sa fol. 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull wiehed.

Rat l-affidavit tal-attrici datat 18 ta' Settembru 2002.

Rat il-verbal datat 14 ta' Novembru 2002, fejn xehdu Paul Scicluna, l-Ispettur Mario Bonello u l-attrici.

Rat ix-xhieda ta' Paul Scicluna minn fol 50 sa fol 56.

Rat ix-xhieda ta' Mario Bonello minn fol 57 sa fol 60.

Rat ix-xhieda ta' Jeanette Abela minn fol 61 sa fol 65.

Rat in-nota tal-avukat Dottor Irene Bonello li permezz taghha nformat lil Qorti li hija ma ghadiex tippatrocinja lill-konvenut Kevin Abela.

Rat il-verbal datat 11 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti mmultat lil Kevin Abela Lm100, bhala disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti w ordnata li jinhareg kontra l-konvenut Mandat ta' Skorta ghas-seduta li jmiss.

Rat il-verbal datat 20 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Luciano Busutill ghall-konvenut skuza ruhhu li deherx fis-seduta

tal-11 ta' Frar 2003 u talab li tinhafirlu l-multa ta' Lm100, il-Qorti laqghat it-talba. F'din is-seduta xhedu Edwin Mallia li huwa rapprezentat tal-ETC u Kevin Abela. Dr. Ray Zammit ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat ix-xhieda ta' Edwin Mallia minn fol. 86 sa fol. 89.

Rat ix-xhieda ta' Kevin Abela minn fol. 90 sa fol. 108.

Rat il-verbal datat 22 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti ddikjarat li l-konvenut ghalaq il-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob l-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut ghaliha u ghall-minuri u dan abbazi tal-**artikolu (d) tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti kunjugi Abela datat 8 ta' April 1999** fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone u li jinsab esebit bhala Dok. "A" a fol. 5 tal-process.

Illi l-istess artikolu jipprovdi li ebda manteniment ma huwa dovut mill-attrici lill-konvenut u ma giex likwidat manteniment favur l-attrici u l-istess minuri *stante* li gie dikjarat li l-istess konvenut kien dak iz-zmien disokkupat, pero' l-istess konvenut obbligu ruhhu li *"jibda jhallas manteniment ghal mara u ghat-tifel hekk kif jibda jahdem u/jew jippercepixxi xi qliegh. Dan il-manteniment ikun ghal mara u ghat-tifel u jigi miftiehem bejn il-partijiet. Jekk ma jintlahaqx ftehim dwar l-ammont tkun il-Prim Awla li tiddeciedi kemm ikun il-manteniment ghall-mara u ghat-tifel, u dan skond il-bzonnijiet tal-mara u t-tifel u skond il-mezzi tar-ragel. B'dan ukoll illi l-manteniment hekk stabilit ikun dovut retrospettivament sa mill-jum li fih ir-ragel ikun beda jahdem".*

Illi l-istess artikolu jkompli jghid li:-

*"Matul iz-zmien li l-mara tkun qed tahdem, hi ma jkollhiex dritt ghall-manteniment izda l-manteniment ghat-tifel irid jithallas xorta wahda. Il-mara m'ghandha bl-edba mod thallas ghall-manteniment tat-tifel;*

*F'kaz li l-mara ma tkunx tahdem, allura jkollha d-dritt li tiehu minn ghand ir-ragel manteniment ghaliha skond il-ftehim bejn il-partijiet; fin-nuqqas ta' ftehim dan ikun stabilit mill-Qorti. Meta jigi stablit il-manteniment li r-ragel irid ihallas ghat-tfal, jekk il-mara tkun qed tahdem fil-kommutazzjoni tal-manteniment li jkollu jhallas ir-ragel ghat-tifel, ma jigix meqjus il-fatt li l-mara tkun qed tahdem jew kull qliegh li tkun qed taghmel;*

*F'kull kaz, kull mantenment, miftiehem jew ordnat mill-qorti jizdied kull sentejn skond l-gholi tal-hajja".*

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-istess konvenut qed isostni li huwa ma ghandhux qliegh u lanqas ghandu l-mezzi finanzjarji sabiex ihallas manteniment. Fl-istess dikjarazzjoni tieghu jghid li kien igesti l-hanut *"Pink Fried Tomatoes"* izda dan hallilu biss dejn u ghalhekk ma ghandux il-mezzi sabiex ihallas il-manteniment. Din id-dikjarazzjoni guramentata saret minnu fl-14 ta' Marzu 2002.

Illi ma hemm l-ebda dubju mill-provi prodotti li fil-fatt l-istess konvenut kien igestixxi l-istess negozju kif jidher minn kopja tal-licenzja relattiva fuq l-istess konvenut immarkata bhala Dok. "MB 1" a fol. 49 tal-process u ghalkemm ma kienx registrat bhala tali mad-Dipartiment tal-VAT skond ix-xhieda ta' Paul Scicluna datata 14 ta' Novembru 2002; pero' mad-Dipartiment tal-VAT kien registrat b'negozju differenti ta' *hairdressing* b'effett mill-1 ta' Mejju 1999 (fol. 53).

Illi rizulta wkoll li l-istess negozju ta' *"Pink Fried Tomatoes"* kien licenzjat fuq il-konvenut b'effett mit-26 ta' Awissu 1999 skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Bonello tal-14 ta' Novembru 2002 (fol. 58).

Illi mir-*records* tal-ETC tal-istess konvenut esebiti a fol. 85 tal-process jirrizulta li l-istess konvenut kien registrat bhala *full time owner* fl-istess stabiliment ta' *Pink Fried Tomatoes* bejn id-9 ta' Novembru 1999 u t-2 ta' Lulju 2001, u mbaghad bhala *part time owner* fi *Xaw Li Massage & Beauty Parlor* b'effett mill-21 ta' Ottubru 2002 almenu sallum, u f'dan l-ahhar negozju kellhu mieghu lill Zi Zhang u Claudia Anton Portelli jahdmu mieghu bhala *full time.* Dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Edwin Mallia datata 20 ta' Marzu 2003 (fol. 86).

Illi l-istess konvenut fix-xhieda tieghu datata 20 ta' Marzu 2003 jammetti li llum ghandu dan in-negozju f'Naxxar Road, San Gwann, u qal li Zi Zhang bhala interpretu ghandha paga ta' Lm52 fil-gimgha, u l-persuna l-ohra imsemmija ghandha Lm70 fil-gimgha. Fir-restorant kellu wkoll zewgt impjegati bil-paga minima ta' Lm51 fi-gimgha u qal li minn hemm ghamel telf u esebixxa lista ta' kredituri tieghu li qed ihallas u ghandu self mal-Bank ta' cirka Lm14,000. Ammetta li ghandu relazzjoni mal-persuna fuq indikata u hija tghix fil-fond 29, Serendipity, Victor Maempel Street, Swieqi, li huwa mikri. Qal li jibqalghu biss Lm15 fil-but (fol. 103). Qal li ssellef minghand huh is-somma ta' Lm500 u minghand missieru l-ammont ta' Lm4,000.

Illi abbazi tal-provi prodotti hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-konvenut beda bin-negozju tieghu almenu b'effett mid-9 ta' Novembru 1999, data meta huwa gie registrat mal-ETC; mieghu kellu zewgt impjegati u dam igesti l-istess hanut sat-2 ta' Lulju 2001. Ghalkemm il-konvenut isostni li huwa ghamel biss dejn, u fil-fatt esebixxa kopji nformi ta' kontijiet li allegatament ghandu, dan ma gie bl-ebda mod sostanzjat minnu bi provi konkreti u korroborati, izda fuq kollox l-istess konvenut naqas li jipprovdi rendikont serju lill-Qorti tal-operat tieghu; fil-fatt ma pprovda l-ebda rendikont ta' xejn, u din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-istess konvenut hija ghal kollox insostenibbli u inveritiera Jirrizulta wkoll li l-istess konvenut b'effett mill-21 ta' Ottubru 2002 qed igestixxi *Massage & Beauty Parlour,* u ghandu mieghu zewgt impjegati *full time,* imhallsin kif fuq indikat, apparti li ghandu self mal-Bank, izda dettalji dwar

l-istess introjtu tieghu l-istess konvenut ghal darba ohra naqas li jaghti, ghalkemm qal li jibqalghu biss Lm15 fil-gimgha fil-but, u dan wara li ovvjament ihallas l-pagi u l-ispejjez tal-hanut *eccetra.*

Illi hija l-oponjoni soda ta' din il-Qorti li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex kredibbli u din il-Qorti abbazi tax-xhieda minnha prodotta, u wkoll wara li semghet *viva voce* lill-konvenut, u wkoll ezaminat ix-xhieda kollha quddiema, inkluza dik tal-istess konvenut, hija moralment konvinta li dak li qed jipprova jaghmel il-konvenut huwa biss li jevadi l-obbligi tieghu minnu stess assunti skond il-kuntratt ta' separazzjoni premess, u din il-Qorti thoss li l-konvenut huwa skond id-disposizzjonjiet tal-istess kuntratt obbligat li jhallas manteniment ghall-perjodu meta kien qed jahdem u cjoe' mid-9 ta' Novembru 1999 sat-2 ta' Lulju 2001 fl-hanut *"Pink Fried Tomatoes"* li huwa kien igestixxi, u mill-21 ta' Ottubru 2002 bil-gestjoni tieghu tan-negozju *Massage & Beauty Parlour,* f'San Gwann, u din il-Qorti hija konvinta wkoll li tali gestjoni qed issir bi qliegh, tenut kont anke' tal-*commitments,* li l-istess konvenut dahal ghalihom fuq kollha indikati, apparti li jidher li l-istess konvenut ghandu relazzjoni ma' terza persuna li huwa qed jghid li qed jimpjega wkoll; jigi nnutat li l-istess konvenut fix-xhieda tieghu naqas milli jipprovdi rendikont tal-operat tieghu, u f'dan il-kuntest dan huwa vitali ghall-allegazzjonijiet tieghu li huwa qed jopera b'telf, *stante* li assulutament din l-allegazzjoni tieghu l-konvenut bl-ebda mod ma ssostanzja, meta kien l-oneru tieghu li jaghmel dan la darba qal u allega li kien qed joperah b'telf. L-ebda rendikont jew *audited accounts* ta' kwalunkwe natura ma gew esebiti mill-istess konvenut, li kull ma ghamel kien biss li allega diversi djun, b'mod li bl-ebda mod ma xehed dwar l-introjtu attwali tieghu.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici rigward il-manteniment taghha u tal-minuri ghandhom jigu milqugha fuq il-bazi li l-konvenut skond il-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat minnhu obbliga ruhhu li jhallas manteniment lill-attrici proprju *et nomine* minn meta beda jahdem u dan huwa relattiv ghall-perjodi fuq indikati; ghall-fissazzjoni ta' tali manteniment din il-Qorti ma ghandhiex

triq ohra hlief li tiffissa l-istess fuq il-bazi tal-principju *arbitro boni viri,* u ghall-perjodu bejn id-9 ta’ Novembru 1999 sat-2 ta’ Lulju 2001 meta l-konvenut kien igesti l-hanut *“Pink Fried Tomatoes”* qed tiffissa r-rata ta’ manteniment li kienet dovuta mill-konvenut bhala dik ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha (indikat bhala ghoxrin lira ghall-manteniment tal-attrici u ghoxrin lira Matlija (Lm20) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri) li tammonta ghall-perjodu ta’ cirka’ tmien (8) xhur tammonta ghall-elf, mitejn u tmenin lira Maltija (Lm1,280 - (8 x 4 x Lm40)); u b’effett mill-21 ta’ Ottubru 2002, meta l-konvenut beda’ jgestixxi n-negozju r-rata alimentari ghandha tkun ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala manteniment ghall-attrici u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala manteniment ghall-istess minuri, kollha dovuti mill-konvenut skond il-kuntratt premess datat 8 ta’ April 1999.

Illi ghal-kompletezza jinghad li ma hemm ebda prova li l-attrici ghandha xi impjieg jew introjtu, u wkoll din il-Qorti thoss li apparti li l-konvenut kien u qed jahdem fil-perjodi fuq indikati w ghalhekk u fuq din il-bazi saru l-konsiderazzjonijiet kollha fuq indikati, fi kwalunkwe kaz u abbazi tal-provi prodotti hija l-opinjoni wkoll ta’ din il-Qorti li l-gestjoni tal-istess negozji qed issir effettivament bi qliegh mill-konvenut, li l-partecipazzjoni tieghu f’dawn il-proceduri kienet biss sabiex jittenta jevadi l-obbligazzjonijiet minnu stess assunti skond il-kuntratt premess, u ma jhallasx la manteniment lill-attrici u lanqas lil ibnu, kif fil-fatt irnexxilhu jaghmel sal-lum.

Illi jinghad ukoll li l-istess konvenut naqas li jaddivjeni ghal xi forma ta’ ftehim dwar l-istess manteniment, u dan minkejja li kien interpellat minn martu biex jaghmel dan u hekk kien obbligat li jaghmel skond l-istess kuntratt accettat minnu *ai termini* tal-**klawsola (d)** fuq citata.

Illi fl-ahharnett is-sebgha’ (7) talba attrici ghandha tigi michuda *stante* li apparti li l-attrici ma resqet ebda prova dwar l-istess mill-atti processwali jidher li l-konvenut aderixxa ghall-obbligi tieghu f’dan ir-rigward u dan

permezz ta' kuntratt pubbliku datat 5 ta' Lulju 2000 fl-atti tan-Nutar Christine Abela (Dok. "KA2").

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt **tichad is-seba' (7) talba attrici,** u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni indikata bhala (1) (a) fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' l-kumplament tat-talbiet attrici** fis-sens biss hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut qed jahdem u fil-fatt kien jahdem billi jgestixxi l-hanut *"Pink Fried Tomatoes"* fil-perjodu bejn 9 ta' Novembru 1999 sat-2 ta' Lulju 2001, u b'effett mit-21 ta' Ottubru 2002 sal lum qed igestixxi l-hanut *Massage & Beauty Parlour,* f'San Gwann;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut hadem mid-9 ta' Novembru 1999 sat-2 ta' Lulju 2001 u beda jerga' jahdem mit-21 ta' Ottubru 2002 sal-lum kif fuq indikat.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa r-retta alimentari fl-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha u dan kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala manteniment ghall-attrici u kwantu ghall hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) bhala manteniment ghall-istess minuri, dovuti mill-konvenut skond il-kuntratt premess datat 8 ta' April 1999, liema rata ta' alimenti ghandha tithallas bl-gimgha bil-quddiem mill-konvenut fir-residenza tal-attrici, ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas l-istess rata ta' manteniment skond il-modalitajiet hawn decizi;

4. Tilqa' din it-talba u tordna li din ir-retta alimentari hawn appena stabilita ghandha tghola kull sentejn, b'effett mid-data ta' din is-sentenza skond l-gholi tal-hajja skond kif fil-fatt jipprovdi l-istess kuntratt ta' separazzjoni citat bejn il-partijiet;

5. Tilqa' din l-hames talba fis-sens li tillikwida l-ammont li l-konvenut huwa obbligat li jhallas bhala arretrati ta' manteniment lill-attrici ghaliha u ghall-istess minuri skond

l-obbligazzjonijiet tieghu minnhu assunti bil-kuntratt ta' separazzjoni pre-citat fis-somma komplessiva ta' erba' t'elef u erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm4,480) rappresentanti kwantu ghall-ammont ta' elf, mitejn u tmenin lira Maltija (Lm1,280) arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici abbazi ta' dak fuq premess ghall-perjodu bejn id-9 ta' Novembru 1999 sat-2 ta' Lulju 2001, u l-ammont ulterjuri ta' tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3,200) rappresentanti arretrati ta' manteniment ghall-perjodu bejn il-21 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-25 ta' Frar 2004, abbazi ta' dak kollu fuq premess relattiv mal-perjodu ta' gestjoni mill-konvenut tan-negozju *Massage & Beauty Parlour,* f'San Gwann;

6. Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' erba' t'elef u erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm4,480) hekk likwidat abbazi tal-hames talba attrici;

7. Tichad is-seba' (7) talba attrici *stante* li hija infondata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, hlief ghas-seba' (7) talba li ghandha tibqa' a karigu tal-attrici, u bl-imghax legali fuq is-somma indikata fil-hames (5) u sitt (6) talba attrici mid-data ta' din id-decizjoni sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------